

Brussell, 11 ta' Settembru 2025
(OR. en)

12593/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0205 (NLE)**

**FISC 232
ECOFIN 1138**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
fi:	9 ta' Settembru 2025
Suġġett:	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tawtorizza lir-Repubblika tal-Polonja tintroduċi miżura speċjali ta' deroga mill-punt (a) tal-Artikolu 26(1) u l-Artikoli 168 u 168a tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud - Adozzjoni

1. Fl-10 ta' Lulju 2025, il-Kunsill irċieva l-proposta tal-Kummissjoni¹ dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq.
2. Fil-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa (Tassazzjoni Indiretta) ma tqajmet ebda oġġezzjoni dwar is-sustanza ta' din id-deroga.
3. Fid-dawl ta' dan kollu, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill:
 - jadotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni msemmija hawn fuq kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti u kif tinsab fid-dokument 12041/25 bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' laqgħa li jmiss;
 - jaqbel dwar il-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni msemmija hawn fuq fil-Ġurnal Uffiċjali.

¹ Dokument 11566/25.